**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 206/2018 PM1**

**Dr. Clinton Bellizzi (ID Nru. 216377(M)) fil-kapacita` tieghu bhala Amministratur ta' Melita Mansions Garage Owners Association**

**Vs**

**Fiorentina Darmenia Jochinsen (K.I. 285563(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-disgha (9) ta' Mejju, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu l-attur fil-kwalita` tieghu rapprezentattiva talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess attur f'tali kwalita` s-somma ta' seba' mija u disghin euro (€790) rapprezentanti sehem *pro rata* tal-konvenuta mill-kontribuzzjoni annwali ghall-ispejjez u mizati mehtiega ghall-preservazzjoni, manutenzjoni, tiswijiet ordinarji, tgawdija u ghoti ta; servizzi fl-interess komun u kontijiet tad-dawl fil-partijiet ghall-uzu komuni tal-blokk ta' garaxxijiet maghruf bhala Melita Mansions fi Triq il-Knisja, Sliema ghas-snin ta' amministrazzjoni 2013/2014, 2014/2015, 2015/2016, 2016/2017 u 2017/2018 kif ukoll sehem pro rata tal-konvenuta mill-ispejjez ta' tiswijiet strutturali li

saru fl-istess partijiet ghall-uzu komuni; bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali (mibghuta ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12) numru 332/2016 u bl-imghax.

Ra li mill-atti jirrizulta li, ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2019 u lanqas fis-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tat-19 ta' Frar, 2019 u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u kwindi t-talba attrici timmerita li tigi milqugha kif dedotta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata t-Tribunal qieghed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess attur nomine s-somma mitluba ta' seba' mija u disghin euro (€790) rapprezentanti sehem *pro rata* tal-konvenuta mill-kontribuzzjoni annwali ghall-ispejjez u mizati in konnessjoni ma' Melita Mansions fi Triq il-Knisja, Sliema ghas-snin ta' amministrazzjoni indikati fit-talba kif ukoll sehem *pro rata* tal-konvenuta mill-ispejjez ta' tiswijiet strutturali li saru fl-istess partijiet ghall-uzu komuni; bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 332/2016 u bl-imghax kif mitlub kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**